**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz ASF 082/2021**

**SC (l-ilmentatrici)**

**vs**

**APS Bank p.l.c. (C 2192)**

**(il-provditur tas-servizz/il-Bank)**

**Seduta tat-22 ta' Marzu 2022**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment fejn l-ilmentatrici tissottometti:**

Illi hija ghandha tlietkontijiet bankarji mal-APS Bank li huma depoziti fissi kif gej:

1. €20,000 li jimaturaw fis-7/12/2022
2. €10,000 li jimmaturaw fis-'7/12/2121'
3. €3000 li jimmaturaw fit-12/02/2022.

Illi hija tablet lill-Bank biex itemm il-kuntratt b'terminu fiss u talbuha dokumenti li juru ghalfejn riedet ittemm il-kuntratt.

Illi hija riedet ittemm il-kuntratt ghaliex sabet tixtri proprjetà. Hija giet mitluba minn bank iehor li minghandu ser tiehu s-self li flok depozitu ta' 10%, trid taghmel 20% fil-konvenju. Hi riedet taghmel is-self minn mal-HSBC ghax tahdem hemm.

Illi l-Bank irrifjuta li jikser it-terminu tad-depoziti fissi kif tablet l-ilmentatrici. Hija ssostni li f'pagna 3, klawsola 3.2, hemm miktub fil-kuntratt ta' depozitu li hija trid thallas '*il-mizati, il-kumissjonijiet kollha, spejjez u interessi*' li ghandhom

jithallsu in konnessjoni mal-kont, u kwalunkwe spejjez ohra li l-Bank jista' jgarrab jekk hi tikser it-termini u l-kundizzjonijiet tal-istess kuntratt ta' depozitu.

Illi hija kuntenta thallas dawn l-ispejjez u interessi basta tkun tista' tiehu flusha issa biex tixtri l-proprjetà.

Illi l-Bank qalilha li tkun tista' tiehu flusha qabel il-waqt biss f'cirkostanzi eccezzjonali li huma biss cirkostanzi medici.

Illi 'cirkostanzi eccezzjonali' huwa terminu wiesgha hafna u mhux kulhadd ghandu l-istess cirkostanzi.

Illi li l-Bank jichad it-talba taghha li ttemm il-kuntratt ta' depozitu meta hi ghandha bzonn il-flus biex tixtri l-proprjetà meta hi fdatu bi flusha mhux accettabbli.

Illi bhala rimedju qed titlob li tkun tista' tittermina l-kuntratti ta' depozitu u l-Bank jigi ordnat li jbiddel id-dicitura tat-termini u l-kundizzjonijiet ta' dawn il-kuntratti billi flok 'cirkustanzi eccezzjonali' jaghmel il-kliem 'cirkostanzi medici ta' emergenza' sabiex hadd ma jsofri minn dak li qed issofri hi.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:**

1. Illi l-ilmentatrici SC ddepozitat u rabtet ammonti ta' flus mal-Bank esponenti f'erba' kontijiet bankarji b'terminu fiss, liema kontijiet huma dettaljati fl-ittra tal-istess Bank esponenti datata 26 ta' Mejju 2021, u annessa mal-ilment in kwistjoni;

2. Illi nhar l-24 ta' Mejju 2021, l-ilmentatrici talbet lill-Bank esponenti sabiex hi tkun tista' 'tikser' tlieta minn dawn il-kontijiet fissi u, cioè, dawk il-kontijiet elenkati mill-ilmentatrici fl-ilment taghha, b'dan ghalhekk li tkun tista' tigbed l-ammonti kollha depozitati fl-istess kontijiet fissi u dan qabel it-terminu ta' skadenza relattiv;

3. Illi permezz tal-ittra msemmija tas-26 ta' Meju 2021, il-Bank esponenti cahad it-talba tal-ilmentatrici ghar-ragunijiet hemm spjegati.

4. Illi l-ilmentatrici ressqet dan l-ilment taghha quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji inkwantu hi tallega li ghandha d-dritt li tikser il-kontijiet fissi galadarba thallas il-mizati u l-kummissjonijiet dovuti ai termini tal-

klawsola 3.2 tat-Termini u Kundizzjonijiet relattivi ghall-istess kontijiet u tallega wkoll li c-cirkostanzi eccezzjonali ai termini tal-klawsola numru 1.9 tal-istess Termini u Kundizzjonijiet m'ghandhomx ikunu limitati ghal ragunijiet medici biss;

5. Illi, però, l-interpretazzjoni tat-Termini u Kundizzjonijiet tal-kontijiet bankarji fissi in kwistjoni kif moghija mill-ilmentatrici mhix wahda korretta;

6. Illi, qabel xejn, ghandha tigi enfasizzata n-natura u l-iskop ta' kont bankarju b'terminu fiss, kif tajjeb deskritt fl-ittra tal-Bank esponenti tas-26 ta' Mejju 2021, hawn fuq imsemmija:

   '*By virtue of the fact that you do not have access to the allotted funds throughout the duration of the term, this enables the Bank to utilise the funds as part of longer-term strategies and thereby offer you a higher interest rate for your deposit.'*

   Kwindi l-ilmentatrici ghandha l-garanzija li ser tinghata rata specjali ta' interessi a bazi tal-fatt li hi ser torbot l-ammonti minnha depozitati mal-Bank esponenti ghal terminu fiss. B'hekk, il-Bank ikun jista' jalloka u jinvesti tali ammonti konsapevoli tal-fatt li tali fondi ser jibqghu disponibbli. Fil-fatt, fl-istess ittra, jinghad ukoll li,

   '*When entering into an agreement for a Fixed Term Deposit, this is a binding contract which results that the funds are inaccessible to you for the duration of the agreed term, a term which is nominated by yourself';*

7. Illi dan kollu hu naturalment rifless u jirrizulta mit-Termini u Kundizzjonijiet relattivi, kif esebiti mill-ilmentatrici stess. Fil-fatt, il-klawsola numru 1.9 tipprovdi li:

   ***'No transactions may be effected on the Account during the Term, except in exceptional circumstances and always at our sole discretion.'***

   In oltre, l-klawsola sussegwenti bin-numru 1.10 tipprovdi wkoll li f'dawk ic-cirkostanzi fejn il-Bank jippermetti l-ksur totali jew parzjali tal-kont, il-klijent jitlef id-dritt ghal kull interess li kien ikun altrimenti dovut;

8. Illi ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li ssostni l-ilmentatrici, t-Termini u Kundizzjonijiet ma jitkellmu xejn dwar ragunijiet medici u, kwindi, m'huwiex minnu li c-cirkostanzi eccezzjonali msemmija f'din il-klawsola jirreferu ghal xi kundizzjoni jew raguni medika li a bazi taghha l-Bank jaqbel li 'jikser' it-terminu ta' kont bankarju fiss;

9. Illi, in oltre, bid-dovut rispett, l-ilmentatrici naqset ghal kollox milli ssemmi li, hi x'inhi dik ic-cirkostanza li jkun qed jiffaccja jew tiffaccja klijent/a tal-Bank, id-decizjoni dwar jekk ghandux ikun hemm ksur ta' terminu ta' kont fiss hi **dejjem fid-diskrezzjoni unika tal-Bank esponenti;**

10. Illi, ghalhekk, fil-kaz in ezami, d-decizjoni tal-Bank esponenti li ma jinkisirx it-terminu tal-kontijiet fissi in kwistjoni u ma jirrilaxxax l-ammonti hemm depozitati a favur l-ilmentatrici ma kinitx a bazi tal-fatt li c-cirkostanza mressqa mill-ilmentatrici ma kinitx raguni jew emergenza medika, izda kienet a bazi tal-fatt li r-raguni mressqa u, cioè, x-xiri ta' proprjetà, mhix cirkostanza eccezzjonali li fid-diskrezzjoni tal-Bank timmerita l-ksur ta' kont fiss;

11. Illi l-ilmentatrici talbet li tikser it-terminu tal-kontijiet in kwistjoni a bazi tal-fattli kienet sejra tiffirma konvenju ghax-xiri ta' proprjetà, u dan partikolarment wara li l-bank li minghandu kienet se tottjeni s-self impona li l-ilmentatrici tipprovdi mill-fondi taghha depozitu li jkopri 20% minflok 10% tal-prezz tal-proprjetà;

12. Illi, ghalhekk, lanqas jista' jinghad li l-ilmentatrici kienet gia marbuta b'konvenju u ghalhekk kienet ser titlef id-depozitu, izda kienet ghadha fi stadju fejn tista' taghzel x'tixtri, naturalment, bil-mezzi disponibbli lilha f'dak il-mument;

13. Illi lanqas ma hi korretta l-interpretazzjoni tal-ilmentatrici tal-klawsola 3.2 tat-Termini u Kundizzjonijiet in kwantu tali klawsola ma tfissirx li l-ilmentatrici ghandha d-dritt li tittermina u tikser il-kontijiet jekk hi taghzel li thallas il-mizati u l-kummissjonijiet lill-Bank esponenti;

14. Illi jrid jinghad ukoll, kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh tal-ilment, li l-ksur tat-terminu ta' kont bankarju fiss hi xi haga rari hafna u tigri biss f'dawk ic-cirkostanzi eccezzjonali li l-Bank jidhirlu, dejjem fid-diskrezzjoni unika

tieghu, li jimmeritaw ir-rilaxx tal-ammonti hemm depozitati jew parti minnhom;

15. Illi dejjem bid-dovut rispett, jerga’ jinghad li l-Bank ghandu d-diskrezzjoni unika li jiddeciedi jekk jiksirx it-terminu tal-kont fiss jew le u r-revizjoni li ghandha ssir mhix dwar jekk ic-cirkostanza mressqa quddiem il-Bank hix wahda eccezzjonali jew le (ghaliex dan huwa fid-diskrezzjoni tal-Bank), izda dwar jekk dik id-diskrezzjoni gietx ezercitata b’mod gust u ragonevoli;

16. Illi kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-ilment, il-Bank esponenti sema’ t-talba urgenti tal-ilmentatrici, ikkomunika maghha dwar l-istess, ikkonsidra l-istess talba u pprovdiha b’risposta spjegata u bil-miktub fi zmien qasir u ragjonevoli sabiex hi tkun tista’ tirregola ruhha;

17. Illi, ghaldaqstant, it-talbiet kollha tal-ilmentatrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

18. Salv risposti ulterjuri jekk ikun il-kaz.

**Sema’ lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz.**

**Jikkonsidra**

Dan l-ilment jittratta l-fatt li l-ilmentatrici ghandha tliet kontijiet mal-APS Bank Ltd li huma *Term Deposit Accounts* u li xtaqet tikser it-termini marbutin ma’ dawn il-kontijiet fissi sabiex tixtri proprjetà. Qed tilmenta li l-Bank cahad it-talba taghha ghal ragunijiet li ghaliha m’humiex accettabbli.

Min-naha tieghu, il-Bank issottometta li kont fiss ma’ bank huwa kuntratt bejn il-bank u l-klijent, b’terminu fiss, u d-depozitant ma jistax jiehu flusu qabel jghaddi dak it-terminu. Peress li l-klijent ikun rabat flusu ghat-tul, jiehu rata ta’ imghax ahjar ghaliex il-bank ikun jista’ jhaddem dawn il-flus biex jaghmel profitt. Ghalhekk ma jkunx jista’ jhalli lid-depozitant jigbed il-flus meta jrid; u jrid ikun hemm xi cirkostanza eccezzjonali biex, fid-diskrezzjoni tieghu, jawtorizza l-ksur tat-terminu tal-kont.

F'dan il-kaz, ma rax cirkostanzi eccezzjonali biex jawtorizza l-ksur tat-terminu tad-depoziti in kwistjoni.

***In-natura ta' kont bankarju fiss (Fixed deposit account)(FD)***

Il-kont bankarju fiss huwa forma ta' depozitu fejn id-depozitant jiddepozita flus ma' bank jew istituzzjoni finanzjarja bil-kundizzjoni li l-flus tad-depozitant jintrabtu ghal perjodu ta' zmien. Dan il-kont huwa differenti minn, per ezempju, *savings account* komuni, fejn il-klijent ikun jista' jigbed flusu meta jkun irid.

Il-banek hargu bl-idea ta' *fixed account (*jew *term deposit account*) sabiex ikunu jistghu jinvestu flus id-depozitanti fi strumenti finanzjarji ohra li jrendulhom aktar qligh minn dik ir-rata ta' interessi li jkunu taw lid-depozitant. Jistghu ukoll jisilfu l-flus tad-depoziti fissi lill-klijenti ohra tal-bank billi jitolbuhom rata ta' interessi oghla minn dik li jkunu hallsu huma. B'dan il-mod jiggeneraw il-qligh: dak li jissejjah *net interest income*.

Biex il-bank ihajjar lill-klijenti jorbtu flushom ghal zmien fiss, joffri rati ta' imghax li jkunu oghla minn *savings account* ghaliex dak li jkun ma jkunx jaqbillu jorbot flusu jekk ma jkollux incentiv li ser idahhal flus aktar.

Normalment meta klijent ta' bank jorbot flusu ghal perjodu ta' zmien ma jkunx jista' jigbed flusu qabel jghaddi dan il-perjodu ta' zmien, u jkun jista' jigbed biss flusu qabel iz-zmien jekk il-bank jaqbel ma' dan. Ghalhekk, biex jinkiser iz-zmien ta' depozitu fiss, normalment, ikun hemm bzonn il-qbil tal-bank. Din hija l-prassi bankarja kwazi kullimkien u hija prassi daqstant komuni li meta l-bank jaghti l-permess li jinkiser il-perjodu taz-zmien tal-kont, jimponi fuq il-klijent forma ta' sanzjoni billi jew jehodlu l-imghaxijiet li jkun hallas lura jew anke jista' jimponi kundizzjonijiet ohra.

Però, kollox jiddependi fuq it-termini u l-kundizzjonijiet ta' kull kuntratt ta' depozitu fiss ghaliex kull kont partikolari jiehu l-forma specifika tieghu minn dawn it-termini u kundizzjonijiet. Huwa ghalhekk importanti li dawn it-termini u kundizzjonijiet ikunu jinftehmu mill-konsumatur u jigu spjegati lilu qabel jikkommetti flusu f'kont ta' depozitu fiss. Huwa wkoll importanti li ma jintuzawx termini mhux gusti sabiex jigu rispettati id-drittijiet tal-konsumatur kif inhuwa

mahsub fil-ligi taghna dwar il-jeddijiet tal-konsumatur.[1] Huwa wkoll mehtieg legalment li ma jintuzawx prattici qarrieqa.

**Il-fatti u c-cirkostanzi ta' dan il-kaz**

Mehud kont tan-natura tal-kont ta' depozitu fiss, kif spjegat aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, l-Arbitru ser ihares lejn il-fatti u cirkostanzi ta' dan il-kaz; it-*Terms and Conditions* li jirregolaw l-istess kont u, finalment, jekk il-Bank kisirx dawn il-kundizzjonijiet.

L-Arbitru m'ghandu l-ebda ilment dwar il-kondotta tal-Bank waqt li kien qed jinfetah dan il-kont u lanqas dwar it-terminologija li ntuzat.

Dawn it-*Terms and Conditions* gew ipprezentati mill-ilmentatrici.[2] Fost affarijiet ohra, il-kundizzjonijiet jispjegaw li dan it-*Term Deposit Account* ghandu dik li tissejjah *'maturity date'* li hija definita bhala: '*the date when the Term of the Term Deposit Account ends'.* Dan juri li dan il-kont ghandu terminu fiss.

L-ilmentatrici ilmentat li l-Bank ma tahiex permess tikser it-terminu tal-kont u, skont hi, il-Bank messu qies is-sitwazzjoni taghha – dik li riedet tixtri proprjetà - u jaccetta li jaghtiha l-flus qabel it-terminazzjoni tat-termini tal-kontijiet fissi li ghandha.

L-ilmentatrici tikkwota klawsola 3.2 tat-termini u kundizzjonijiet u tghid li hemm stabbiliti penalitajiet jekk klijent jikser it-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt, u hi lesta li tehel dawn il-penalitajiet basta l-Bank ihalliha tikser it-termini tad-depoziti fissi li ghandha biex tkun tista' tixtri l-proprjetà.[3]

L-ilmentatrici assumiet li jekk thallas dawn il-penalitajiet, allura, tkun tista' tikser it-terminu tad-depoziti fissi.

Izda, klawsola 1.9 tat-termini u kundizzjonijiet, tghid li:

*'No transactions may be effected on the Account during the Term, except in exceptional circumstances and always at our sole discretion'.*[4]

[1] KAP. 378 tal-Ligijiet ta' Malta
[2] *A Fol.* 11-13
[3] *A Fol.* 3
[4] *A Fol.* 12

L-unika eccezzjoni li hemm qieghda fi klawsola 1.7 li tghid:

‘*You can make a one-time increase and/or decrease in capital within the ten (10) days Grace period from Maturity Date.’*[5]

Dan ifisser li l-Bank ghandu d-diskrezzjoni jiddeciedi jekk jaghtix il-kunsens tieghu sabiex kont fiss jigi miksur u l-klijent ikun jista’ jigbed il-kapital mill-kont tieghu. Dan ghaliex, kif digà gie spjegat, il-flus tal-klijenti jkunu gew investiti u l-Bank ikun ghamel strategija ta’ kif jinvestihom; u, ghalhekk, ma jkunx jista’ jaghti l-flus lura jekk mhux fid-data ta’ meta jaghlaq il-kont. Izda, fl-istess kundizzjonijiet hemm li l-Bank, fid-diskrezzjoni tieghu, jista’ jaghti l-kunsens tieghu sabiex jinkiser it-terminu tal-kont, però, dan f’cirkostanzi eccezzjonali. Skont l-istess termini, dawn ic-cirkostanzi eccezzjonali jiddecidihom il-Bank stess, jigifieri, jkun il-Bank li jghid jekk hemmx cirkostanzi eccezzjonali sabiex jikser it-terminu tal-kont.

F’dan ir-rigward, l-ilmentatrici tghid li l-kaz taghha ghandu jigi inkwadrat taht dawn ic-cirkostanzi eccezzjonali. Ir-raguni li tat hi li gietha okkazjoni sabiex tixtri proprjetà u ghandha bzonn il-flus biex taghmel id-depozitu fuq il-konvenju. Il-Bank qalilha li din mhix cirkostanza eccezzjonali u, bhala ezempju ta’ cirkostanza eccezzjonali, semma’ kazi medici. L-ilmentatrici fehmet li, allura, l-Bank imissu jnizzel fil-kundizzjonijiet li jikser it-terminu biss f’kaz ta’ mard. Izda, l-bank sostna li barra cirkostanzi medici jista’ jkun hemm cirkostanzi ohra li ghalih jitqiesu eccezzjonali.

L-Arbitru hu tal-fehma li galadarba fit-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt hemm li l-Bank ghandu d-diskrezzjoni li jaghti permess li jinkiser it-terminu tal-kont f’cirkostanzi eccezzjonali, huwa l-Bank li jista’ jiddeciedi liema huma dawn ic-cirkostanzi eccezzjonali. Jirrizulta li l-ilmentatrici ma tatx spjegazzjoni specifika jekk marbuta max-xiri tal-proprjetà, hemmx xi cirkostanza partikolari; u meta staqsiha l-Bank qalet li ma kellhiex tghid ghalfejn trid tixtri l-proprjetà. Lanqas quddiem l-Arbitru ma gabet xi raguni eccezzjonali ghalfejn trid tixtri l-proprjetà , u xiri ta’ proprjetà waheda ma titqiesx xi cirkostanza eccezzjonali, izda wahda ta’ ghazla.

[5] *Ibid.*

Għalhekk l-Arbitru ma jistax jgħid li l-ilmentatrici għandha xi ċirkostanza partikolari għaliex qalet li m'għandhiex għalfejn tgħid għalfejn ser tixtri l-proprjetà.

Għaldaqstant, l-Arbitru ma jħossx li l-Bank kiser il-kuntratt ta' depożitu fiss u lanqas li aġixxa b'xi mod arbitrarju mal-klijenta għaliex, fit-trattattivi magħha, staqsiha jekk kellhiex xi ċirkostanza eċċezzjonali u hi qaltlu biss li riedet tixtri l-proprjetà billi tieħu self minn bank ieħor li taħdem miegħu.

L-Arbitru jifhem ukoll li galadarba l-ilmentatrici taħdem f'bank tista' tifhem aħjar in-natura ta' kont ta' depożitu fiss. Fl-istess waqt, l-Arbitru jifhem id-diżappunt tal-ilmentatrici li ma xtaqitx titlef opportunità li tixtri din il-proprjetà. Iżda qalet ukoll li xorta waħda irnexxielha tagħmel il-konvenju għaliex silifha xi flus missierha.

**Għar-raġunijiet kollha mogħtija aktar 'il fuq f'din id-deċiżjoni, l-Arbitru ma jistax jilqa' l-ilment.**

**Minħabba n-natura tal-każ, kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' din il-proċedura.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji**